MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2003

Numru. 141/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs -**
**JEFFREY FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JEFFREY FARRUGIA** bin John u Mary Jane nee Borg li joqghod fil-fond 6, Triq San Pupulju, Xewkija, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 22673 (G) akkuzat talli:

Fit-tnejn u ghoxrin ta' April, 2003 ghall-habta tas-sebgha u kwart ta' fighaxija fix-Xewkija, ingurja u hedded bi kliem lil Dottor Kevin Mampalao LLD, hebb kontra il-persuna tal-istess persuna hawn imsemmija sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;

U aktar talli ingurja jew hedded il-persuna ta’ Dottor Kevin Mampalao LLD wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien ghamel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` 338 dd, 339 d u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fis-seduta tal-hamsa ta’ Gunju, 2002 ghall-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u dan fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu;

Semghet lill-istess imputat jiddikjara li jiddispjacih tal-incident tant li skuza ruhu formalment quddiem l-istess kwerelant Dottor Kevin Mampalao;

Rat illi Dottor Kevin Mampalao accettta tali skuza;

Ghalhekk fic-cirkostanzi tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ sitt xhur mill-llum ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, oltre dan tobbliga lill-imputat li ma jimmolestax u ma jingurjax lil Dottor Kevin Mampalao ghall-perjodu ta’ sitt xhur taht penali ta’ hamsin lira Maltin (Lm 50) fin-nuqqas skond l-artikolu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------